# 1849

# Il-Ħalluqin li Vvutaw fl-Ewwel Elezzjoni Ġenerali

Kitba ta' Mario Cassar

F'Mejju ta' l-1835, wara pressjoni kbira fil-*House of Commons*, il-Kuruna Ingliża ddeċidiet li tagħti lil Malta Kunsill tal-Gvern. Madankollu, dan il-Kunsill ma kienx elett b'mod demokratiku u seta' biss jagħti parir lill-Gvernatur tal-ġurnata; għaldaqstant, din il-konċessjoni ma ssodisfat lil ħadd. Il-Maltin malajr fehmu li politikament kienu għadhom bla leħen ladarba ma kellhomx id-dritt jeleġġu r-rappreżentanti li jixtiequ bil-vot tagħhom.

Dan il-jedd ingħata sewwasew fl-1849 mal-wasla tal-Gvernatur Richard O'Ferrall. Skond il-kostituzzjoni l-ġdida, il-Kunsill tal-Gvern kellu jikkonsisti fi tmintax-il membru, tmienja minnhom eletti mill-poplu u għaxra oħra nnominati mill-Gvernatur innifsu (nofshom Maltin u nofshom Ingliżi) biex jirrappreżentaw it-tmexxija uffiċjali. Mit-tmien kandidati eletti, seba' kellhom ikunu minn Malta, filwaqt li l-ieħor kellu jkun minn Għawdex.

Għaldaqstant nistgħu ngħidu li l-ewwel elezzjoni ħielsa li qatt saret f'Malta kienet dik ta' nhar it-Tlieta, l-14 ta' Awissu ta' l-1849. L-elettorat ta' dakinhar kien iħaddan 3,767 persuna (3,486 f'Malta u 281 f'Għawdex); minnhom ivvutaw b'kollox 3,315 (jiġifieri 88%). Għal finijiet storiċi ngħidu li l-membri eletti kienu Don Filippo Amato, Mons. Annetto Casolani, Mons. Leopoldo Fiteni, G. Montebello Pulis, Dr. Arcangelo Pullicino, Michelangelo Scerri, Giov. Battista Vella (kollha minn Malta), u Dr. Adriano Dingli (minn Għawdex).[1]

## Il-konnessjoni Ħalluqija

F'din l-elezzjoni, Malta kienet maqsuma f'erbatax-il distrett u Ħal Luqa kienet inkluża fil-Ħdax-il Distrett (li kien magħruf ukoll bħala l-*Quinto Sidaçato Campagna*)[2] flimkien ma' Ħal Qormi, Ħal Tarxien, u Raħal Ġdid. Il-lista tal-votanti (mingħajr indirizzi) dehret fil-*Malta Government Gazette* (Għadd 1667) tal-Ġimgħa, it-13 ta' Lulju, 1849. Il-voti tqassmu fl-10 ta' Awissu; imbagħad dakinhar ta' l-elezzjoni, bejn is-sebgħa ta' filgħodu u s-sebgħa ta' filgħaxija, is-Surġent tal-Pulizija Ġ. Zammit dar il-votanti bieb bieb u talabhom jitfgħu l-vot tagħhom f'kaxxa ssiġillata fdata f'idejh. Madankollu l-votanti setgħu, jekk riedu, jieħdu l-vot tagħhom fl-Għassa tad-Distrett. Mir-raħal kollu sittax-il raġel biss kienu eleġibbli għall-vot. Dawn kienu: Giuseppe Baldacchino, Don Angelo Barbara, Dr. Gio. Crancesco Baldacchino (tabib), Chierico Giuseppe Bezzina (seminarista), Don Lorenzo Bezzina, Dr. Salvatore Bezzina (tabib), Don Samuele Bezzina, Giovanni Bonnici, Dr. Raffaele Bonnici (avukat), Carmelo Casha, Lorenzo Casha, Don Pietro Cassar, Bernardo Fiott, Andrera Psaila, Don Francesco Sammut, Giovanni Zammit.

Lista reveduta ta' l-ismijiet dehret nhar it-Tlieta, il-31 ta' Lulju ta' l-istess sena (Għadd 1671); madankollu l-elenku Ħalluqi baqa' li kien. Mis-sittax-il ruħ imsemmija naraw li ħamsa kienu qassisin, wieħed kien seminarista, tlieta kienu professjonisti, filwaqt li s-sebgħa l-oħra bilfors li kienu ċittadini tat-tajjeb. M'għandix tagħrif kemm minnhom effettivament xeħtu l-vot tagħhom.

M'għandniex għalfejn niskantaw bil-fatt li minn raħal sħiħ dawn biss kellhom d-dritt jivvutaw. Il-Liġi Elettorali ta' dak iż-żmien kienet selettiva u riġida ħafna. Fil-fatt setgħu jivvutaw biss l-irġiel ta' fuq il-21 sena li kellhom raba' jew bini li jġib kera ta' mitt skud fis-sena; dawk in-nies li kienu joqogħdu f'dar tagħhom li tiswa għall-inqas 50 skud kera fis-sena; dawk li kellhom sehem minn xi ditta merkantili, u l-qassisin u l-professjonisti.[3] Nistgħu wkoll nagħmlu xi paraguni; ngħidu aħna, f'Ħal Safi Don Giovanni Caruana biss seta' jivvota; f'Ħad-Dingli, Don Andrea Mallia biss kellu l-istess privileġġ; fil-Mellieħa u f'Ħal Kirkop setgħu jivvutaw tnejn, f'Ħal Għargħur erbgħa, u f'Raħal Ġdid ħamsa.

## Tagħrif fuq xi Ħalluqin imsemmija

1. Dun Pietru Cassar (1812-1863) ordna saċerdot fl-1834. Kien prokuratur tal-knisja parrokkjali sa mill-1838, kif ukoll l-ewwel rettur tal-knisja tal-Karmnu mibnija f'tarf Ħal Luqa sa mill-1842. Inħatar kappillan ta' Ħal Għaxaq fl-1854 u aktar tard kappillan ta' Ħal Luqa stess fl-1862. Kien it-tieni Ħalluqi li okkupa din il-kariga. Madankollu n-nies tar-raħal ma tantx gawdewh wisq għax f'Diċembru tas-sena ta' wara miet qasir l-għomor fil-kor tal-knisja wara li ħassu ħażin waqt l-Ewwel Quddiesa ta' Dun Tumas Zammit.[4]
2. Dun Franġisk Sammut kien il-qassis li, flimkien ma' Dun Orazju Grima, waqqaf il-Kongregazzjoni ta' l-Addolorata.[5]
3. Dun Lawrenz Bezzina ordna saċerdot fl-1832; kien il-qassis Ħalluqi li niseġ il-paniġierku ta' Sant'Andrija fil-festa ta' l-1837.[6] Huwa kien jiġi ħu Dun Samwel Bezzina li ordna fl-1835 u s-seminarista kjeriku Ġużeppi Bezzina li eventwalment ordna fl-1854. Kif tistgħu taraw, anki dawn it-tnejn jidhru fir-Reġistru Elettorali ta' l-1849.
4. Dr. Ġann Franġisk Baldacchino laħaq tabib sewwasew fl-1849; huwa ħalla r-raħal fl-1854. Ħuħ Kalċidon fetaħ spiżerija fir-raħal eżattament fl-istess sena.[7]
5. Dr. Salvatore Bezzina, minn Ħal Luqa, sar tabib fl-1847. Kien l-ewwel spiżjar-tabib li serva fil-berġa tar-raħal meta din infetħet fl-Għassa tal-Pulizija fl-1849. Kellu jieħu ħsieb ukoll Ħal Safi u Ħal Kirkop, u baqa' jżomm l-istess kariga sakemm irtira bil-pensjoni fl-1872.[8]
6. Ġanni Bonnici kien il-prokuratur tal-kappellun tar-Ružarju. Fl-1849 stess kien talab lill-marmista Feliċ Buhagiar jagħmillu stima ta' l-irħam ta' l-artal; il-proġett eventwalment tlesta fl-1853.[9]
7. Dr. Raffaele Bonnici kien l-avukat tar-raħal; martu Roża kienet tieħu ħsieb l-artal ta' Sant'Anna.[10]

Fl-aħħarnett ninnutaw li l-kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Vinċenz Magri, li kien għadu kif ħa l-pussess tal-parroċċa f'Ġunju ta' qabel, ma jidhirx fil-lista Ħalluqija. Lanqas ma jissemmew il-mużiċist Vincenzo Camilleri (mill-Belt) u l-arluġġar famuż Mikelanġ Sapiano (mill-Imqabba) li ġew joqogħdu hawn fl-1846 u fl-1847 rispettivament wara li t-tnejn iżżewġu xebbiet mir-raħal.

## Tliet snin wara

Tliet snin wara, sewwasew f'April ta' l-1852, ixxandret lista elettorali ġdida.[11] Il-lista Ħalluqija ftit li xejn inbidlet; sempliċiment in-numru ta' nies eleġibbli għall-vot tela' minn sittax għal tmintax. Mil-lista ta' l-1849 għebu l-ismijiet ta' Dr. Raffaele Bonnici u Carmelo Casha, filwaqt li l-votanti l-ġodda kienu l-kjeriku Paolo Brincat, Francesco Micallef, Antonio Depares, u appuntu l-kappillan Don Vincenzo Magri.[12] It-tieni elezzjoni f'Malta mbagħad saret fl-1854.

[1] Ara Michael Schiavone, *L-Elezzjonijiet f'Malta: 1849-1981* (Pubblikazzjoni Bugelli, Malta: 1987), pp. 1,3, & 175.

[2] L-erbatax-il distrett kienu mqassma hekk: sitta għall-ibliet tal-Port; sebgħa oħra għal tal-kampanja, u ieħor għal Għawdex u Kemmuna.

[3] Joseph Micallef, *Hal Luqa: Niesha u Ġrajjietha* (Malta: 1975), p.233.

[4] *Ibid.*, pp.243, 245, & 248.

[5] *Ibid.*, p.252.

[6] *Ibid.*, p.254.

[7] *Ibid.*, p.230.

[8] *Ibid.*, p.230.

[9] *Ibid.*, p.249.

[10] *Ibid.*, p.244.

[11] Ara l-*Malta Government Gazette* ta' l-Erbgħa, il-21 ta' April, 1852.

[12] Dun Vinċenz Magri, S.Th.D., imwieled Ħ'Attard, dam Ħal Luqa mill-1849 sa l-1861, meta mbagħad inħatar arċipriet taż-Żejtun. Huwa miet fl-1889.

